77

# MOMPALAO ADVOCATES

**Law Firm**

14, Sir L. Camilleri Street, Victoria, VCT2701, Gozo, Malta.
Tel: (+356) 2155 9191

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
04 MAR 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

The Secretary
Environment & Planning Review Tribinal
PO BOX 172, Marsa, Malta

Illum 2 ta' Marzu 2022

**Appell minn EC 19/22**
**Appell ta' Anthony Vella u George Vella**

Nikteb ghan nom ta' Anthony Vella ta' 11 Triq il-Gilju, Victoria, Ghawdex u George Vella ta' 2 Pjazza Santa Margerita, Sannat, Ghawdex.

Anness ma din l-ittra qed nibghatt Appell minn EC 19/22.

Niktolbok tinnotifika lil partijiet koncernati

Ghoddni tieghek

**Avv. Kevin Mompalao**

Dr. Kevin Mompalao LL.D. Atem. (mob: +356 9943 1357 / email: gozolawyer@gmail.com)
Dr. Andrew Sciortino LL.B. LL.D (mob: +356 7993 7444 / email: avukatsciortino@gmail.com)
Nicholette Aquilina B.A. L.P. (mob: +356 9947 8499 / email: n.aquilina@maltanet.net)

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Appell minn Avizz biex tieqaf u ta Twettieq bin numru EC0019/22 mahrug fit-22 ta' Frar 2022 fil-konfront ta' Anthony Vella u George Vella**

**Anthony Vella (18373 G) u George Vella 55858 (G)**

**Vs**

**Awtorita ta' l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 4 MAR 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Rikors ta' l-Appell ta' l-Imsemmija Anthony Vella u George Vella

Jesponu bil-qima:-

Illi l-esponenti jixtequ jappellaw mill-Avviz biex tieqaf u ta' twettieq fuq citat u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

(1) Illi fl-ewwel lok l-appellanti gew akkuzati talli "*ghandek zvilupp bi ksur tal-permess PA 1001/20 datat 8 ta' Lulju 2021, peress li gew mibnija hitan tas-sejjiegh*". Illi dan ma jistax iregi fil-konfront ta' l-esponenti stante illi l-imsemmi permess ma giex mahrug lilhom u qatt ma kellhom x'jaqsmu mieghu.

(2) Fit-tieni lok l-art fejn sar il-hajt hija propjeta' Anthony Vella u George Vella. Il-hajt li kien ilu jezisti snin twal, kif se jigi pruvat u kien tnehha abbuzivament minn terzi li riedu jwessghu it-triq biex jinhargilhom permess ta' karma tan-nar. Fil-fatt kien inhareg avviz biex tieqaf u ta' twettieq bin-numru ECF 752/09.

Dan l-avviz kien jitlob illi x-xoghol jieqaf u **kollox jerga jitregga fl-istat li kien qabel**. Dak li ghamlu l-ahwa Vella huwa illi regghu bnew dak li kien tnehha u dak li l-avviz kien jordna li jerga jsir. Ghalhekk dan il-hajt li nbena biex jirrimpjaza dak li tnehha abbuzivament u li hu milqut b'ECF 752/09 ma ghandux bzonn permessi. Dan kif gie deciz minn dan it-Tribunal f'appell dwar il-kaz ECF 106/15.

(3). Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal l-ewwel zewgt aggravji dwar l-permess imsemmi cioe l-permess ghas-sanzjonar PA 1001/20. (liema applikazzjoni illum qeghda taht appell) jinghad illi l-ebda sanzjonar u l-ebda

applikazzjoni ma setghet issir fuq propjeta ta' haddiehor cioe fuq il-propjeta ta' l-ahwa Vella, minghajr il-kunsens jew ghal l-anqas minghajr in-notifika taghhom. Kwindi din l-applikazzjoni certament ma tistax tolqot l-hajt de quo.

Ghaldaqstant umilmentqed jigi mitlub illi dan l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq jigi revokat u mhassar bl-ispejjes kontra l-Awtorita.

**Avv. Kevin Mompalao**